**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Emanuel Camilleri ta' 46 sena, iben Beneditt u Frangiska xebba Grech li joqghod 'Emmad', Triq tal-Latini, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**(I.D. No 4354 G)**

Illum 11 t' April 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-20.11.2000 ghall-habta tat-8:30p.m. fir-Rabat, Ghawdex (1) volontarjment kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied, (2) aktar talli saq vettura Nru DBC 553 fid-direzzjoni ta' Vitorin Spiteri b'manjiera traskurata u perikoluza (3) aktar tall fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi hebb ghall-imsemmija Vitorin Spiteri ta' hmistax-il sena mix-Xaghra u kkagunalha griehi ta' natura hafifa u dan skond kif iccertifika Dr M. Refalo M.D. ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex, kif ukoll hedded lil din il-persuna bi kliem.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tapplika l-art. 383 tal-Kap 9, il-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi;

Stante li ma hemm l-ebda prova sostenibbli kontra l-imputat ma ssibux hati u tilliberah.

Il-Qorti hija propensa li tordna l-inizzjoni tal-proceduri kontra l-kwerelanta ghaliex hemm il-possibilita` ta' simulazzjoni ta' xhieda, minn dak li kkonstatat izda minhabba l-eta` zghira taghha taghzel illi taghlaq dan l-incident billi tastjeni minn dan.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur